

NOTA TA' GWIDA 4

Suġġett: Ir-reġistrazzjoni ta' ħin ta' sewqan b'takografi diġitali meta s-sewwieqa jkunu involuti f'operazzjonijiet b'waqfiet frekwenti jew multipli biex iħottu.

Artikolu: L-Artikolu 1 tar-Regolament(KEE) Nru 3821/85 li jirrifere għar-Regolament (KE) Nru 1360/2002 (l-Anness 1B)

Metodu li għandu jiġi segwit:

Minħabba li t-takografi diġitali jirreġistraw iktar fid-dettal minn dawk analoġi, sewwieqa involuti f'operazzjonijiet b'waqfiet frekwenti jew multipli biex iħottu jistgħu jkunu ffaċċjati b'reġistrazzjoni oġhla ta' ħin ta' sewqan meta jintuża tekografu diġitali milli meta jintuża takografu analoġu. Din is-sitwazzjoni hija temporanja u tista' taffettwa primarjament operazzjonijiet ta' trasport ta' kunsinja lokali. Ser iddum biss għall-perjodu ta' tranżizzjoni fejn it-takografu diġitali u dak analoġu jeżistu flimkien.

Biex tkun inkoraġġita firxa mgħaġla tat-takografi diġitali filwaqt li s-sewwieqa jkunu trattati l-istess-irrispettivament mit-tagħmir ta' reġistrazzjoni użat – l-aġenziji ta' infurzar nazzjonali għandhom ikollhom il-possibbiltà li juru tolleranza matul dan il-perjodu ta' tranżizzjoni. Din it-tolleranza tranżizzjonali għandha tapplika għal dawk il-vetturi li huma involuti fi vjaġġi b'waqfiet frekwenti jew multipli ta' hant u li huma mgħammra b'takografi diġitali

Iżda, f'kull ħin, l-uffiċjali ta' l-infurzar ikunu mistennija jużaw diskrezzjoni professjonali. Barra minn hekk, meta sewwieq ikun wara l-istêring tal-vettura u attivament impenjat f'operazzjoni ta' trasport koperta, is-sewwieq ikun ikkunsidrat bħala li qed isuq irrispettivament miċ-ċirkustanzi tiegħu (pereżempju, fil każ meta s-sewwieq ikun f'konġestjoni tat-traffiku jew fid-dwal tat-traffiku

Għalhekk:

- L-Istati Membri għandhom jinfurmaw l-Uffiċjali tal-Kontroll tagħhom li huma għandhom il-possibbiltà li jippermettu, wara spezzjoni tad-*data* tat-takografu diġitali, sa 15-il minuta ta' tolleranza fuq perijodu sħiħ ta' erbgħa sigħat u nofs (4.5) ta' ħin ta' sewqan għal vetturi involuti fi vjaġġi b'waqfiet frekwenti jew multipli biex iħottu, kemm-il darba dawn il-pretensjonijiet ikunu appoġġati minn evidenza. Din it-tolleranza tista' tiġi applikata, pereżempju, bħala tnaqqis ta' minuta għal kull perijodu sħiħ ta' ħin ta' sewqan, bejn waqfiet, b'massimu ta' 15-il minuta għal kull perijodu sħiħ ta' erbgħa sigħat u nofs (4.5) ta' ħin ta' sewqan.
- Uffiċjali tal-Kontroll għandhom, meta jużaw id-diskrezzjoni tagħhom, jiġu gwidati miċ-ċirkustanzi u jużaw l-evidenza mgħoddija lilhom dak il-ħin (bħal prova li tista' tkun ivverifikata li s-sewwieq kien involut f'waqfiet frekwenti jew multipli biex iħott), u jridu jivverifikaw li l-interpretazzjoni tagħhom ma tiddevjax mill-applikazzjoni tajba tar-Regoli tas-Sigħat tas-Sewwieqa, u b'hekk jikkompromettu s-sigurtà stradali.
- L-Istati Membri jistgħu jużaw *software* ta' analiżi li jkun ikkonfigurat biex jintegra perijodu ta' tolleranza fil-kalkoli tal-ħin tas-sewqan, imma għandhom ikunu mgħarrfa li dan jista' jwassal għal problemi ta' evidenza fi stadju ulterjuri. Fiċ-ċirkustanzi kollha, it-tolleranza ma għandhiex teċċedi l-limitu ta' 15-il minuta għal perijodu sħiħ ta' erbgħa sigħat u nofs (4.5) ta' ħin ta' sewqan.
- It-tolleranza ma għandha tiddiskrimina jew tiżvantaġġa la lil sewwieqa nazzjonali u lanqas lil dawk internazzjonali, u għandha tkun ikkunsidrata biss għal dawk l-operazzjonijiet fejn il-vjaġġ jinvolvi biċ-ċar operazzjonijiet b'waqfiet frekwenti jew multipli.